**A.L. 77 tal-2009**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)**

**L-Ordinamenti ta' l-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Magister Juris taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titolu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Magister Juris taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Magister Juris;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Magister Juris;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

**L-Oqsma ta' Studju**

3. Il-Kors ikun offrut f'kull qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

4. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Doctor of Laws; jew

(b) il-grad ta' Bachelor fil-Liġi bħala l-qasam ta' studju prinċipali bl-Unuri, miksub ta' l-anqas fit-Tieni Klassi; jew

(ċ) grad li l-Bord iqis li huwa komparabbli għal kwalunkwe grad minn dawk indikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

(2) Il-Bord jista' jdaħħal applikanti li għandhom grad f'qasam ieħor barra mill-Liġi jekk il-Bord, wara li jkun intervista l-applikanti, ikun sodisfatt li jistgħu jsegwu l-Kors, u bil-kundizzjoni li huma jkunu meħtieġa jsegwu programm preparatorju qabel jirreġistraw fil-Kors.

**Il-Programm Preparatorju**

5. (1) Il-programm preparatorju għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 kredtu u mhux aktar minn 60 kredtu u huwa suġġett ukoll għar-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-applikanti għandhom ikunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju ta' studju b'marka medja ta' 55% jew aħjar qabel jirreġistraw għall-Kors.

**It-Tul tal-Kors**

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

**Il-Programm ta' Studju**

7. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu.

8. Il-programm ta' studju f'kull qasam ta' studju offrut fil-Kors jista' jkun jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka.

9. Il-programmi ta' studju prinċipalment mgħallma jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 kredtu u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 kredtu.

10. L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

11. Il-programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka jikkonsistu minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu, li minnhom hemm assenjati bejn 10 u 30 kredtu għal taqsimiet studju mgħallma u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati bejn 60 u 80 kredtu.

12. Il-programmi ta' studju għandhom ikunu ppubblikati mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

13. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sa l-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kredtu għal taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni ta' l-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skond il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

**Id-Dissertazzjonijiet**

14. (1) Fil-programmi ta' studju prinċipalment mgħallma, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skond il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tieni semestru.

15. (1) Fil-programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 50,000 kelma skond il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien ta' l-applikazzjoni.

16. (1) Fil-każijiet kollha, l-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) jkun skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skond (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

17. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

18. Il-provvedimenti ta' l-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

**It-Tħassir**

19. Ir-Regolamenti ta' l-2001 tal-Kors għall-Grad ta' Magister Juris, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 276 ta' l-2001 u Avviż Legali 277 ta' l-2001, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2008, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.

L.N. 77 of 2009

# EDUCATION ACT
# (CAP. 327)

## Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Magister Juris under the auspices of the Faculty of Laws

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Laws in virtue of the powers conferred upon it by section 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by section 81 (2) of the said Act:

**Citation and Interpretation**

1. (1) These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the degree of Magister Juris under the auspices of the Faculty of Laws.

(2) In these bye-laws, unless the context otherwise requires -

"the Board" means the Board of the Faculty of Laws;

"the Course" means the programme of study leading to the degree of Magister Juris;

"the Degree" means the degree of Magister Juris;

"the Postgraduate Diploma" means the Postgraduate Diploma in the relevant area of study; and

"the Principal Regulations" means the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008.

**Applicability**

2. These bye-laws shall be applicable for courses commencing in October 2008 or later.

**Areas of Study**

3. The Course shall be offered in any area of study that falls within the academic responsibility of the Board, after approval by Senate.

**Requirements for Admission**

4. (1) The Course shall be open to applicants in possession of one of the following qualifications:

(a) the degree of Doctor of Laws; or

(b) a Bachelor degree in Law as the main Honours area of study, obtained with at least Second Class; or

(c) a degree which the Board considers as comparable to any of the degrees indicated in paragraphs (a) and (b) of this bye-law.

(2) The Board may admit applicants in possession of a degree in an area other than Law if the Board, after having interviewed the applicants, is satisfied that they are able to follow the Course, and provided that they are required to follow a preparatory programme prior to registration for the Course.

**Preparatory Programme**

5. (1) The preparatory programme shall comprise taught study-units to which not less than 30 credits and not more than 60 credits are assigned and shall also be governed by the Principal Regulations.

(2) Applicants shall be required to successfully complete the preparatory programme of study with an average mark of 55% or better prior to their registration for the Course.

**Course Duration**

6. The Course shall extend over three semesters of full-time study or the equivalent in part-time study.

**Programme of Study**

7. The programme of study shall comprise study-units to which a total of 90 credits shall be assigned.

8. The programme of study for any area of study offered in the Course may be either mainly taught or mainly by research.

9. Mainly taught programmes of study shall comprise taught study-units to which a total of 60 credits are assigned and a dissertation study-unit to which 30 credits are assigned.

10. Students who obtain the 60 credits assigned to the taught study-units with an average mark of at least 50% and do not proceed with the Course, or having proceeded do not successfully complete the dissertation, shall be eligible for the award of the Postgraduate Diploma.

11. Mainly research programmes of study shall comprise study-units to which a total of 90 credits are assigned, of which between 10 and 30 credits are assigned to taught study-units and between 60 and 80 credits are assigned to the dissertation study-unit.

12. Programmes of study shall be published by the Board after approval by Senate, normally not less than eight months prior to the commencement of the Course.

**Assessment and Progress**

13. (1) The assessment of each taught study-unit shall be completed by the end of the semester in which the teaching of the study-unit is held.

(2) Students who in any academic year fail in the assessment of not more than 20 credits for taught study-units, if following the Course full-time, or not more than 10 credits if following the Course part-time, shall be given the opportunity to re-sit the failed assessments during the September supplementary examination session.

(3) Students who fail in more than the number of credits permitted under paragraph (2) of this bye-law, or students who after re-assessment fail to obtain the credits for any study-unit, shall be deemed to have failed the Course.

**Dissertations**

14. (1) In mainly taught programmes of study, students shall be required to submit an individual dissertation of approximately 25,000 words in accordance with the guidelines issued by the Board.

(2) Work on the dissertation shall be undertaken during the third semester of the Course. Each student shall be assigned a supervisor who shall provide guidance and advice on a regular basis during the period of study.

(3) A provisional title of the dissertation and a detailed research proposal shall be submitted to the Board for approval by the beginning of the second semester.

15. (1) In programmes of study mainly by research, students shall be required to submit an individual dissertation of approximately 50,000 words in accordance with the guidelines issued by the Board.

(2) Work on the dissertation may be undertaken at any time during the Course after approval of the proposal by the Board. Each student shall be assigned a supervisor who shall provide guidance and advice on a regular basis during the period of study.

(3) The provisional title of the dissertation and a detailed research proposal shall be submitted to the Board for approval at the time of application.

16. (1) In all cases, students shall be required to have regular contact with their supervisor.

(2) Supervisors shall submit to the Board progress reports for the students under their supervision at the end of each semester of studies, whether the student is following the Course on a full-time or a part-time basis. Such reports may include a recommendation to either (a) extend the period of study in order to enable the student to complete the dissertation; or (b) terminate studies prematurely if the supervisor deems this to be proper in the circumstances, provided that:

(i) the extension of the study period referred to in (a) shall be in accordance with the provisions of the Principal Regulations; and

(ii) the Board may not terminate studies prematurely according to (b) until it has first given the student a chance to be heard.

**Classification of the Awards**

17. The Final Weighted Average Mark for the purpose of the classification of the Postgraduate Diploma and of the Degree shall be based on the results obtained in all the components of the programme of study, all credits being weighted equally.

**Special Provisions for Part-Time Courses**

18. The provisions of the foregoing bye-laws shall apply *mutatis mutandis* to courses followed on a part-time basis, and subject to such changes as may reasonably be deemed by the Board as necessary due to the part-time nature of the Course.

**Repeal**

19. The Regulations of 2001 for the Degree of Magister Juris, published as Legal Notice 276 of 2001 and Legal Notice 277 of 2001, shall be deemed to cease to be in force as from 1 October 2008, provided that students registered for this course before 1 October 2008 shall continue to be governed by the regulations that were in force at the time of their joining the course.